MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2012

Numru. 627/2012

**Il-Pulizija**
**(Spetturn Trevor Micallef)**

**vs**

**Mohammed Maga Suba ta' 23 sena, iben Abu Bakav Sidiki u Famta nee` Bevete, imwieled Ivory Coast, fl-01 ta' Jannar 1989, joqghod x'imkien Rahal Gdid, Nru. Tal-Pulizija 11E-03**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkusati talli fl-04 ta' Dicembru 2011, harab minn post ta' kustodja pubblika, cioe` 'Safi Detention Centre' (Kap 9, Sec 151, 152 tal-Ligijiet ta' Malta)

Gie akkuzat ukoll talli fix-xahar ta' Gunju u fix-xhur ta' qabel ghamel uzu minn zewg karti ta' l-identita u dokument iehor bil-hsieb li jqarraq jikser xi wahda mid-

disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11 jew l-artikolu 12(1) tal-Kap 258.

Gie akkuzat ukoll talli bhala persunai li gie fil-pussess ta' karti ta'identita mahruga lili xi persuna/i orha naqas li minnufih jikkonsenjaha jew jibghata lid-detentur taghha jew lill-ufficjal awtorizzat (Kap 258 art. 12(2)

Gie akkuzat ukoll talli ghamel dikjarazzjoni falza, jew ta taghrif falz, jew iproduca xi dokument falz ghal wiehed mill-ghanijiet tal-Kap. 258 (Kap 258 art 14 (2)(b) )

Gie akkuzat ukoll talli fl-14 ta' Gunju 2012 ghal habta ta' 03.30pm hedded bi kliem lil Yuusuf Abdi Rahman Hassan (Kap 9 art 339(1)(e) )

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali nadifa tieghu, izda l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat harab mill-kustodja u kwindi m'ghandha l-ebda triq ohra hlief li tinfliggi piena karcerarja effettiva

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 151, 152, 339(1)(e), 17(b)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 11, 12(1)(2), 14(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn prigunerija.

Intoltre wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lil hati taht penali ta' hames mitt euro (€500) biex izomm il-paci ma Yuusuf Abdi Rahman u dan ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------